MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 28

12 ta' Lulju 2021

Minuti tas-seduta Nru. 28 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret b'mod virtwali, nhar it-Tnejn 12 ta' Lulju 2021 fis-6.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu qed isegwu b'mod virtwali, minbarra l-Kunsillier M. Abela li għarraf illi kien indispost permezz ta' imejl datat 12 ta' Lulju 2021. Il-Kunsill laqa' ir-raġuni mogħtija.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet u irrekordjata. L-istess *recording* jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku D. Vella.

## 1.1. Minuti

1.2. Il-minuti tas-Seduta Nru. 27, li saret fil-15 ta' Ġunju 2021, ġew approvati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku: Minutes List (gov.mt)

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Użu tal-Irżiezet ta' Selmun **(P/10/3A)**

2.1.2. Saret referenza għall-minuta 6.1. tas-seduta ta' qabel u nġibdet l-attenzjoni li l-Kunsillier I. Castillo bgħat imejl datat 24 ta' Ġunju 2021, fejn huwa aċċenna li l-Koperattiva Produtturi tal-Bhejjem ma tistax tiġi meqjusa bħala organizzazzjoni mhux governattiva, għaliex tagħmel profitt, filwaqt li mhemmx *bye-laws* li jirregolaw id-dħul minn tali relazzjoni. Huwa qal li ma jemminx li dan huwa skont il-liġi, u għaldaqstant il-proprjetà għandha tintuża biss minn organizzazzjoni li ma toperax bi qligħ. Minkejja dan huwa ssuġġerixxa li jintalab parir legali.

2.1.3. Sadanittant kien hemm imejl datat l-1 ta' Lulju 2021 mill-Fondazzjoni Arkeo fejn ipprotestaw dwar l-intenzjonijiet li għandu l-Kunsill dwar l-irżiezet, kif ukoll elenkaw numru ta' iniżjattivi li huma ħadu tul il-perjodu li l-irziezet ġew fdali lilhom.

2.1.4. Is-Sur Castillo qal li l-Fondazzjoni Arkeo fl-ebda waqt ma esprimiet l-intenzjoni li ma żżommx il-kustodja tal-irżieżet. Għaldaqstant huwa ssuġġerixxa li l-kustodja tal-irziezet għandha terġa' tgħaddi f'idejn il-Fondazzjoni biex il-post jinfetaħ għall-pubbliku kuljum.

2.1.5. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg aċċenna għall-fatt li l-ftehim dwar il-kustodja tal-irziezet intemm f'Lulju 2016. Kompla jgħid li minkejja l-kuntatti li saret referenza għalihom fl-ittra tal-Fondazzjoni, fil-fatt ma mmaterjalizza xejn fuq il-post, biex dan jingħata l-ħajja. Ħafna drabi dan in-nuqqas kienet qed tinstab skuża għaliħ għaliex il-permess ta' ċentru ta' interpretazzjoni kien għadu ma ħariġx. Huwa fatt magħruf ukoll li l-post kien intuża darba biex ittellgħet attività għall-pubbliku, filwaqt li ġie nnutat ukoll li saru fiħ attivitajiet soċjali għall-membri tal-istess Fondazzjoni.

2.1.6. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono fakkar illi l-persuna li kien jiftaħ l-irziezet nhar ta' Sibt għarrfu verbalment li ma kienx għadu f'pożizzjoni li jagħmel dan għal raġunijiet personali, u fil-fatt il-post ma baqax jinfetaħ. Sussegwentement f'Mejju 2020 intalbu ċ-ċwievet peress li ntalab *survey* tal-irziezet b'rabta mal-applikazzjoni li saret mal-Awtorità tal-Ippjanar sabiex il-post jintuża bħala ċentru ta' interpretazzjoni. Iċ-ċwievet ma kinux intalbu lura mill-Fondazzjoni.

2.1.7. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li ma jagħmilx sens li l-fteheim jiġġedded issa, la darba l-ftehim skada ħames snin qabel, filwaqt li ma kien hemm ebda talba bil-kitba f'dan ir-rigward. Din il-pożizzjoni għandha tkun sostnuta bin-nuqqas ta' inizjattivi li kien hemm mill-Arkeo.

2.1.8. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini kkummentat li l-ftehim jinvolvi kirja fuq bażi ta' *encroachment* bejn id-Dipartiment tal-Artijiet u l-Kunsill, li jiskadi fl-aħħar tal-2026, u għaldaqstant hija prerogattiva tal-Awtorità tal-Artijiet, jekk iġġeddux jew titterminaħ. Hija ġibdet l-attenzjoni dwar il-ħtieġa li l-Kunsill jgħid xi tkun l-intenzjoni tiegħu wara d-data msemmija, u kull perjodu ta' tliet snin sussegwenti.

2.1.9. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono kkonferma t-terminu skont kif spjegat fil-minuta 2.1.8, u spjega li sakemm xi parti fil-ftehim ma tinfurmax il-parti l-oħra li trid twaqqgħu, dan jiġġedded awtomatikament għall-tliet snin oħra.

2.1.10. Is-Sindku D. Vella aċċenna għall-fatt li l-kuntratt ilu li skada, jemmen li fid-dawl tal-punti mqajma skont il-minuti 2.1.5. u 2.1.6., għandha ssir sejħa ristretta għall-organizzazzjonijiet mhux governattivi.

2.1.11. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill kkonferma li r-razzett ta' ġewwa għandu jiġi misluf lill-Ambjent Malta, filwaqt li ssir sejħa għall-interess fost organizzazzjonijiet volontarji rreġistrati. Fuq suġġeriment tal-Kunsillieri A. Brincat Stellini u E. Bartolo, kien hemm qbil ukoll li l-offerti għandhom ikunu akkumpanjati bi pjan ta' ħidma fuq perjodu definit.

**2.2.1. Kontroll fuq l-użu tal-*bring-in site* fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi (K/6/10/Vol IV)**

2.2.2. Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għall-minuta 3.4.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li bejn Jannar u Ġunju 2021 ingħataw total ta' 102 kontravvenzjoni dwar depożitu ta' skart barra mill-iBins. F'Gunju biss ingħataw 27.

2.2.3. Il-Kunsillier E. Bartolo, filwaqt li nnota li ż-żieda ta' *CCTV camera* f'din il-*bring-in site* hija fil-pjanijiet tal-Kunsill, huwa rrakkomanda li għandha ssir talba lill-LESA sabiex ikun hemm monitoraġġ permezz ta' Uffiċjali tal-Komunità pajżana. B'dan il-mod ikun possibbli li kull tip ta' abbuż ikun jista' jiġi kkontrollat.

2.2.4. Il-Kunsill qabel mal-proposta skont il-minuta 2.2.3.

**2.3.1. Faċilitajiet ta' ħatt u tagħbija fi Triq it-Tgħam u fi Triq il-Qarnit (T/3/2/Vol XVI)**

2.3.2. Saret referenza għal imejl datata 14 ta' Ġunju 2021, fejn intalab li tingħata l-faċilità msemmija fi Triq it-Tgħam, fil-parti bejn Triq l-Għorgħar u Triq il-Vitorja.

2.3.3. Talba simili saret permezz ta' imejl datat 9 ta' Lulju 2021 sabiex isiru faċilitajiet simili fi Triq il-Qarnit quddiem AquaVenture Malta Dive Centre. Talba simili kienet saret xi żmien qabel mill-operatur tal-*mini-market* li hemm taħt Luna Holiday Complex.

2.3.4. Il-Kunsill innota li ż-żewġ talbiex mhumiex eliġibbli minħabba li mhemmx il-minimu ta' sitt stabbilimenti oħra fl-istess triq skont il-*policy* ta' *Transport Malta Permanent traffic management policies and guidelines* – 5.7.9. (e).

**2.4.1. Restawr tat-Torri l-Abjad (A/6/7/1/Vol II)**

2.4.2. Is-Sindku D. Vella rrefera għall-minuta 5.9.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li saret żjara fit-Torri l-Abjad fid-29 ta' Ġunju 2021, fejn id-diriġenti mis-soċjetà Din l-Art Ħelwa S. Farrugia Randon, M. G. Cassar, u S. Mizzi spjegaw ix-xogħol tar-restawr li sar, kif ukoll problemi li qed jiltaqgħu magħhom ma' matul dan il-proċess. Minn naħa tal-Kunsill attendew flimkien miegħu il-Kunsillieri. A. Brincat Stellini, R. Bartolo Cutajar, E. Bartolo, M. Abela, u Segretarju Eżekuttiv C. Debono.

2.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.5.1. PC 0025/20 – Triq ġdida bejn Dawret it-Tunnara u Triq il-Qarnit (P/5/8/Q)**

2.5.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg ġibed l-attenzjoni għall-minuta 2.1.1. tas-seduta preċedenti u għarraf u ressaq kopja ta' petizzjoni datata 7 ta' Lulju 2020 fejn 67 firmatarju esprimew l-oġġezzjoni tagħhom għat-talba sabiex titneħħa t-triq imsemmija mill-iskema.

2.5.3. Is-Sur J. Buttigieg aċċenna wkoll għall-minuta 2.1.5. tas-seduta ta' qabel u għarraf li d-dritt mħallas sabiex ġie sottomess l-appell da parti tal-Kunsill, ammonta għal €200. Din is-somma ma tinkludix l-ispiża tal-perit inkarigat.

2.5.4. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li l-ewwel smiegħ tal-appell ġie appuntat għas-27 ta' Lulju 2021 fis-2.20 pm.

2.5.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.6.1. Konferenza *"Europe for Cooperation and Solidarity"* (P/10/39)**

2.6.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg irrefera għall-minuta 5.1.1. tas-seduta ta' qabel dwar il-proġett msemmi, li jinvolvi konferenza li ser tiżvolġi bejn l-5 u d-9 ta' Awwissu 2021 f'Castiglione in Teverina fl-Italja. Kompla jgħid li ser tkun diffiċli għall-Kunsillieri li jattendu u għaldaqstant sar kuntatt mal-organizzatur sabiex jiġi stabbilit jekk huwiex possibbli li jkun hemm parteċipazzjoni onlajn. Komunikazzjoni dwar dan kellha ssir mill-amministrazzjoni tal-Kunsill.

2.6.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

**2.7.1. Żbir ta' siġar fl-*S-bend* tal-Triq il-Marfa (K/6/3/Vol III)**

2.7.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini staqsiet dwar jekk sarx xi arranġament sabiex jinżabru s-siġar li ħarġu fi Triq il-Marfa madwar l-Għajn tal-Mellieħa, peress li huma perikolużi.

2.7.3. Is-Sindku D. Vella wieġeb li qed isiru l-kuntatti meħtieġa biex dan ix-xogħol isir.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri/

### 3.2.1. Ġbir tal-iskart mill-Bajja tal-Mistra u Wied Musa (K/6/2/Vol V)

3.2.2. Il-Kunsillier I. Castillo rrefera għall-minuta 2.3.7. tas-seduta preċedenti u staqsa lis-Sindku dwar jekk sarx kuntatt mal-Cleansing and Maintenance Division sabiex l-*area* tal-Batterija tal-Mistra jipprovdu *bins-on-wheels*.

3.2.3. Is-Sindku D. Vella ħa nota.

3.2.4. Is-Sur I. Castillo aċċenna wkoll li fejn l-iskal ta' Wied Musa qed jitħalla ħafna skart mis-sidien ta' opri li jinġibdu minn hemmhekk. Huwa rrakkomanda li titpoġġa *skip* għal dan il-għan.

3.2.5. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono qal li postijiet bħal dawn normalment ikunu koperti mill-bins tal-*beach cleaners*, kif fil-fatt diġa jiġu pprovduti fix-xhur tas-sajf. Huwa ppropona li ssir talba sabiex jiżdiedu par *bin-on-wheels*.

### 3.3.1. *Caravans* u *campers* fil-Bajja tal-Mistra u fl-Armier iż-Żgħir (C/4/Vol IV)

3.3.2. Il-Kunsillier I. Castillo staqsa dwar il-possibiltà li jidħlu aktar *fishbone parking bays* fil-Bajja tal-Mistra, peress li bl-arranġamenti l-ġodda l-ispazju naqas drastikament.

3.3.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono qal l-proposta oriġinali li kien ressaq il-Kunsill kienet tipprovdi għall-iktar spazju milli attwalment jeżisti, iżda din ġiet modifikata minn Transport Malta peress li l-post ma jippermettix għal iktar.

### 3.4.1. Puġġaman nieqes fil-*promenade* tal-Għadira (X/1/2

3.4.2. Il-Kunsillier G. Micallef rrefera għall-punt li huwa qajjem f'seduta preċedenti dwar żewġ partijiet nieqsa mill-puġġaman li jinsab matul il-promenade ta' Triq il-Marfa qrib l-istabbilimenti "Il-Pirata" u "San Remo". Huwa staqsa dwar jekk kienitx ittieħdet azzjoni..

3.4.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb li kienu qed isiru l-kuntatti meħtieġa sabiex jitneħħa l-periklu eżistenti.

### 3.5.1. Sigurtà għat-tfal tal-iskola fi Triq Qasam Barrani (T/3/2/1/Vol XVI)

3.5.2. Il-Kunsillier G. Micallef irrefera għad-diskussjoni li kien hemm fis-seduta ta' qabel u staqsa dwar jekk kienx hemm aktar kuntatti ma' Transport Malta dwar l-introduzzjoni ta' *pedestrian crossing*.

3.5.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb li kienet appuntata laqgħa fuq il-post, flimkien ma' uffiċjali minn Transport Malta, fit-30 ta' Lulju 2021.

### 3.6.1. Stat ta' indafa fil-latrina pubblika fir-Bajja tal-Mixquqa (K/6/1/Vol V)

3.6.2. Il-Kunsillier G. Micallef irrefera għall-kuntratt dwar iż-żamma tal-latrini pubblici u staqsa rigward il-frekwenza tat-tindif, peress li kien hemm ilmenti dwar l-istat li qed tkun fiħ.

3.6.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono qal li skont il-kuntratt, l-*attendant* għandu jkun preżenti kontinwament minn x'ħin tinfetaħ sakemm tingħalaq. Dan bil-għan li t-tindif isir skont il-ħtieġa. Huwa qal li l-andament tas-servizz qed jiġi segwit mill-*Contracts Manager*.

### 3.7.1. Infurzar tal-*bye-laws* dwar *barbecues* u kkampjar (B/5/Vol IV)

3.6.4. Il-Kunsillier G. Micallef staqsa dwar jekk jistax jingħata tagħrif dwar permessi li jinvolvu l-attivitajiet imsemmija lil uffiċjali responsabbli mill-infurzar tal-liġi, jew uffiċjali bħalma huma r-*rangers* tal-Park tal-Majjistral li jkunu xogħol fil-Bajja tal-Mixquqa. Dan bil-għan li

meta dawn imorru fuq il-post ikunu aktar infurmati, u hekk il-ħidma tagħhom tkun aktar effettiva.

3.6.5. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono spjega li bis-sistema tal-permessi onlajn hemm tagħrif li huwa aċċessibbli għall-pubbliku f'dak li jirrigward permessi marbuta mal-kostruzzjoni. Fir-rigward ta' attivitajiet tat-tip imsemmija, it-tagħrif jista' jingħata biss lill-uffiċjali konċernati għal fini ta' infurzar, filwaqt li mhux prattika aċċettabbli li l-informazzjoni tingħata lil uffiċjali pajżana, bħalma huma r-*rangers* tal-park.

3.6.6. Is-Sindku D. Vella, qal li r-*rangers*, wara li jidentifikaw ruħhom, jistgħu jistaqsu għall-permess maħruġ mill-Kunsill, u kemm-il darba ma jingħatax għandhom jirrikorru għand il-Pulizija.

### 3.7.1. Tisqijja fil-Park tal-Familja (K/6/3/Vol III)

3.7.2. Il-Kunsillier G. Micallef ġibed l-attenzjoni li s-siġar tal-Park tal-Familja u Ġnien Dun Anton Debono huma affettwati minn nixfa kbira. Huwa staqsa dwar jekk hemmx xi skeda meta jissaqqew.

3.7.3. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ikkummentat li ġonna u *soft areas* oħra huma fl-istess sitwazzjoni.

3.7.4. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono spjega li skont il-kuntratt, it-tisqija issir fil-każ ta' siġar u arbuxxelli li jkunu tħawlu l-ewwel darba. Fl-ewwel snin li tħawwlu s-siġar fil-Park tal-Familja, dwan kienu jissaqqew tul il-perjodu tas-sajf kollu. Minkejja dan, huwa qal li ser jitkellem mal-kuntrattur sabiex jara x'jista' isir billi din is-sena kienet eċċezzjonalment nieqsa mix-xita.

## 4.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 09/07/21;
- Skeda ta' Pagamenti – 13/06/21 – 19/07/21;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.
- Petizzjoni kontra applikazzjoni PA 0025/20 li tinvolvi t-tneħħija ta' triq skemata bejn Dawret it-Tunnara u Triq il-Qarnit – 07/07/2020.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. Introduzzjoni ta' *speed humps* fl-inħawi tat-Torri l-Abjad (T/3/2/Vol XVI)

5.1.2. Saret referenza għal imejl datat 17 ta' Ġunju 2021, mibgħut minn Infrastructure Malta, fejn ġie propost li jsiru żewġ *speed humps* fi Triq ir-Ramla tat-Torri l-Abjad, bejn Triq l-Armier u il-bajja, kif ukoll fit-triq ta' madwar l-istess bajja qabel iddur lejn Daħlet ix-Xmajjar. Kien hemm talba oħra biex isiru *speed humps* fit-triq li ġiet asfaltata għall-ewwel darba eżatt taħt it-Torri.

5.1.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għall-proposti mressqa.

### 5.2.1. Introduzzjoni ta' *speed humps* fi Triq ix-Xagħra ta' Barra (T/3/2/Vol XVI)

5.2.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li saret talba permezz ta' imejl datat 5 ta' Lulju 2021 sabiex isiru *speed humps* fi Triq ix-Xagħra ta' Barra peress li hemm tendenza li jsir sewqan perikoluż.

5.2.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandhom jiġu kkunsidrati *speed humps* simili għal dawk li saru fi Triq il-Fortizza u Triq Ta' Masrija, wara li jiġi stabbilit fejn għandhom jsiru eżattament u ssir konsultazzjoni mar-residenti.

### 5.3.1. Kontroll fuq il-popolazzjoni tal-ħamiem (P/12)

5.3.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar aċċenna għall-iskema mnedija mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali permezz ta' Ċirk. AKL 2020/078 tal-14 ta' Lulju 2020, liema skema hija ntiża sabiex tgħin fil-kontroll tal-ħamiem selvaġġ permezz tal-kontraċezzjoni. Hija appellat sabiex il-Kunsill japprofitta ruħu minnha, minħabba nkonvenjenti rrappurtati fl-akwati ta' Triq it-Tramuntana u Triq il-Mitħna l-Ġdida. Hija aċċennat ukoll għal petizzjoni datata 26 ta' Ġunju 2021, iffirmata minn 43 persuna li qed jilmentaw mis-sitwazzjoni.

5.3.3. Is-Sindku D. Vella wieġeb li l-Kunsill ma kienx eliġibbli minħabba li jrid ikun hemm *bye-laws* fis-seħħ dwar is-suġġett. L-uniku Kunsill li għandu bye-laws ta' dan it-tip huwa tal-Imsida.

5.3.4. Il-Kunsillier I. Castillo qal li huwa ġie kkuntattjat fuq l-istess każ u għaddieħ lill-Unit għall-Kontroll tal-Pesti fi ħdan id-Dipartiment għar-Regolazzjoni tas-Saħħa. Huwa ssuġġerixxa sabiex jintalab l-intervent minn naħa tagħhom.

### 5.4.1. Traġitt ta' vetturi fi Triq Dun Franġisk Sciberras (T/3/2/Vol XVI)

5.4.2. Inqara imejl datat 28 ta' Ġunju 2021 fejn intalab li t-triq imsemmija ma tibqax tintuża bħala alternattiva meta tingħalaq Triq Ġorġ Borg Olivier. Intalab ukoll li Triq Dun Franġisk Sciberras issir *one-way* biex ma jkunx hemm konġestjoni ta' vetturi u tniġġiż tal-arja.

5.4.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li f'ċirkostanzi normali mhux possibbli li Triq Dun Franġisk Sciberras tiġi mibdula għal *one-way*, peress li l-aċċessi għaliha minn Triq Adenau u Triq Sant' Elena jinsabu 'l bogħod minn xulxin. Dan il-fattur jinvovi dawra ikbar biex wieħed jasal minn post għal'ieħor.

5.4.4. Il-Kunsill osserva li meta Triq Ġorġ Borg Olivier tkun magħluqa, traffiku li jkun ġej mid-direzzjoni ta' Triq il-Marfa, normalment jiġi mdawwar għal Triq l-Erwieħ u Triq is-Santwarju eċċ.

### 5.5.1. Introduzzjoni ta' *parking bays* fi Triq il-Marfa (T/3/2/1/Vol XVI)

5.5.2. Saret referenza għal imejl datat 15 ta' Ġunju 2021 mibgħut minn operatur ta' ristorant, fejn talab sabiex fi Triq il-Marfa, fil-parti bejn iċ-ċimterju sa Dawret it-Tunnara, jitnaqqas it-tul tad-*double yellow line* li hemm qabel il-*bus stop* tal-faċċata. Intalab ukoll li fejn hemm il-*hatching* biż-żebgħa bajda jsiru *parking bays* minflokom.

5.5.3. Il-Kunsill qabel li għandha ssir proposta lill-Transport Malta sabiex il-*hatching* indikat jinbidel u minflok isiru *parking bays*. Kien hemm qbil li l-ipparkjar għandu jibqa' ipprojbit għaliex dan jgħin biex il-karozzi tal-linja jidħlu bla xkiel fil-*bus bay*.

### 5.6.1. Att vandalu fuq il-Monument tal-Pellegrini (P/4/7/Vol II)

5.6.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għall-att vandalu li twettaq fuq il-monument imsemmi fil-lejl ta' bejn l-4 u l-5 ta' Lulju 2021, meta saret ħsara fis-salib, inqalgħet il-ġebla li kien imwaħħal magħha, li meta waqgħu xelfu t-taraġ tal-pedestal f'żewġ postijiet.

5.6.3. Permezz ta' imejl datat 8 ta' Lulju 2021 is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali staqsiet dwar jekk inġabrux il-biċċiet miskura, bil-għan li tinvolvi d-Diviżjoni tar-Restawr sabiex jagħmlu t-tiswijiet minn naħa tagħhom. Huwa għarraf ukoll li l-Awtorità Maltija tat-Turiżmu nkarigaw perit sabiex jissottometti *Restoration Method Statement* għall-approvazzjoni tas-Sovrintendenza, bil-għan li jinkisbu stimi u jsiru t-tiswijiet meħtieġa.

5.6.4. Saret referenza wkoll għal imejl datat 10 ta' Lulju 2021, fejn l-Istitut tal-Inġinerija u Trasport fi ħdan l-MCAST offrew li jagħmlu r-restawr meħtieġ permezz ta' studenti li qed jistudjaw għal speċjalizzazzjoni f'dan il-qasam. Fl-istess korrispondenza ntqal li x-xogħol ikun jista' jsir wara li tibda s-sena skolastika f'1 ta' Ottubru 2021.

5.6.5. Il-Kunsill innota li inizjattiva u kuntatti li saru mill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu kienu fi stadju avvanzat u għalhekk kien hemm qbil li għandu jitkompla l-proċess sabiex ix-xogħol meħtieġ ikun jista' isir f'qasir żmien.

### 5.7.1. Skema dwar il-ħruġ ta' permessi temporanji u riversibbli għat-tqegħid ta' imwejjed u siġġijiet quddiem stabbilimenti li jservu l-ikel (T/4/10/Vol II)

5.7.2. Saret referenza għal ċirkulari datata 18 ta' Ġunju 2020 fejn l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għarrfet li kienet f'kuntatti mal-Awtorità Maltija tat-Turiżmu rigward il-ħruġ tal-permessi msemmija, intiżi sabiex jokkupaw art pubblika bil-għan li joqorbu lejn il-kapaċità li kellhom qabel il-pandemija Covid-19. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono fakkar li l-istess ċirkulari ġiet mgħoddija lill-membri kollha tal-Kunsill għall-kummenti tagħhom.

5.7.3. Ġie spjegat li l-Assoċjazzjoni lesta tiffirma memorandum ta' ftehim mal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) sabiex tistabbilixxi qafas għal permessi' Temporanji u riversibbli għal żoni t' *catering* ta' fil-beraħ fuq il-linji segwenti:

- L-iskema tkun fis-seħħ sal-aħħar ta' Settembru 2021, jew fit-tneħħija tar-regolamenti ta' distanza soċjali relatati mal-COVID-19, jew fid-diskrezzjoni tal-MTA, liema minnhom tiġi l-ewwel; u

- L-MTA tikkollabora mal-Kunsill Lokali rispettiv biex tevalwa t-talba u l-Kunsill Lokali huwa obbligat li jwieġeb fi żmien sebat (7) ijiem min-notifika.

5.7.4. Is-Segretarju Eżekutti C. Debono qal li ma kienx hemm rispons kontra l-iffirmar tal-*memorandum* u għalhekk l-AKL ġiet infurmata dwar dan.

5.7.5. Il-Kunsill irratifika l-ftehim imsemmi.

5.7.6. Taħt din l-iskema daħlet applikazzjoni sabiex jitpoġġew imwejjed u siġġijiet quddiem il-120 Bar fi Triq Ġorġ Borg Olivier kantuniera ma' Triq San Publiju.

5.7.7. Il-Kunsill approva t-talba skont il-minuta 5.7.6. bil-kundizzjoni tas-soltu, kif ukoll li għandu jitħalla passaġġ pedonali ta' 1.5 metri bejn il-faċċata tal-istabbiliment in kwistjoni u mit-tarf tal-bankina li tesporġi 'il barra fil-kantuniera ma' Triq San Publiju.

### 5.8.1. Ħruq tal-i*Bins* fl-Armier iż-Żgħir (K/6/11)

5.8.2. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf li fit-3 ta' Lulju 2021 ġie rrappurtat li s-sitt i*Bins* li kien hemm fil-parkeġġ ta' l-Armier iż-Żgħir ġew destrutti totalment bin-nar. Inġibdet l-attenzjoni tal-GreenPak dwar dan, kif ukoll sabiex isiru oħrajn minflokom. Permezz ta' imejl datat 6 ta' Lulju 2021, l-iskema wieġbet li dawn jinvolvu spiża ta' madwar €5,000 u attwalment m'għandhomx oħrajn biex isiru minflokom. Għaldaqstant qed jissuġġerixxu li jiġu rilokati oħrajn li hawn fil-lokalità, jew il-Kunsill jagħmel tajjeb għall-ispiża biex jinxtraw oħrajn ġodda.

5.8.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-ebda sit ta' dħul eżistenti fil-lokalità ma jista' jaffordja tnaqqis fin-numru ta' iBins. Kien osservat ukoll li f'tali sitwazzjoni l-irkupru tal-i*Bins* meqruda għandu jsir permezz tal-assigurazzjoni tal-koperattiva. Inġibdet l-attenzjoni wkoll li GreenPak għandha tneħħi l-fdalijiet tal-i*Bins* mill-parkeġġ.

### 5.9.1. Reklam fuq il-bankina fi Triq il-Kbira (T/4/3/Vol II)

5.9.2. Saret referenza għal imejl datat l-1 ta' Lulju 2021, fejn l-operatur tal-Kabab Factory Ltd irrefera għat-tneħħija tal-mascot tal-kumpanija li tneħħa minn fuq il-bankina fi Triq il-Kbira b'ordni ta-Pulizija. Dawn talbu permess sabiex il-mascot jitpoġġa nofs metru 'l ġewwa minn fejn kien qabel, mingħajr ma jostakola l-passaġġ pedonali. Qalu wkoll li mascots simili jeżistu fejn is-seba' ristoranti li għandhom.

5.9.3. Il-Kunsilliera ma sabiex oġġezzjoni sakemm jitħalla wisa’ minimu ta’ 1.2 metri fuq il-bankina.

**5.10.1. Reklamar fuq *U-Barriers* eżistenti fi Triq Ġorġ Borg Olivier (T/4/3/Vol II)**

5.10.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li saret talba minn Seashells Dive Centre sabiex jirreklamaw fuq il-pannelli tal-*barriers* imsemmija, li jinsabu bejn Triq il-Qalb Imqaddsa u Triq Sant’ Elena.

5.10.3. It-talba ma ġietx milqugħa skont il-*policy* billi l-pannelli mal-*barriers* għandhom iservu sabiex jiġu promossi postijiet ta’ interess fil-lokalità.

**5.11.1. Introduzzjoni ta’ kaxxi għad-depożitu ta’ pakketti postali (L/1)**

5.11.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għal imejl datat 24 ta’ Ġunju 2021, fejn saret proposta sabiex jiġu ntrodotti kaxxi għad-depożitu ta’ pakketti postali, minn fejn il-pubbliku jkun jista’ jiġbor pakkett meta l-uffiċċju postali jkun magħluq. Dan jingħata aċċess permezz ta’ kodiċi li jinbidel kull darba.

5.11.3. Il-Kunsill osserva li jekk persuna ma tinstabx id-dar biex tirċievi oġġetti postali li jeħtieġu firma, jew u li ma jidħlux fil-kaxxa tal-ittri, il-Maltapost toffri kunsinna fl-eqreb uffiċċju postali. Wieħed jista' wkoll jagħżel li l-pakkett jiġi kkunsinnat lil kwalunkwe post li joffri servizz tal-posta ndikat lilhom, eżempju l-qrib il-post tax-xogħol tal-persuna konċernata.

**5.12.1. PA 4643/21 – Żvilupp ta’ sit fi Triq l-Għerien (P/5/8/G)**

5.12.2. Saret referenza għal applikazzjoni li tinvolvi t-twaqqiegħ ta’ villa u bini ta’ dar *semi-detached* biswit żona li fil-Pjan Lokali hija ndikata bħala protetta.

5.12.3. Ġie osservat ukoll li l-*footprint* tal-iżvilupp propost jeċċedi dak eżistenti u daħal biċċa sewwa fiż-żona protetta. Skont il-Mappa Nru. 25, l-art fejn hemm il-bini eżistenti hija ndikata għal *“High Ridge Bungalows”* u mhux *“Semi-Detached Dwellings”*.

5.12.4. Il-Kunsill iddeċieda li jressaq oġġezzjoni abbażi tal-fatturi msemmija fil-minuti preċedenti.

**5.13.1. Tismija ta’ triq għal Edward Camilleri (T/4/1/Vol III)**

5.13.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono qara imejl datat 12 ta’ Lulju 2021 mibgħuta mill-Onor. R. Cutajar, fejn tenna l-proposta li oriġinarjament saret mill-Mellieħa Sport Club, sabiex tiġi mfakkra l-memorja ta’ Edward Camilleri bit-tismija ta’ triq fil-lokalità. L-istess talba kienet endorsjata mill-Arċipriet tal-Mellieħa r-Rev. J. Caruana. Huwa qal ukoll li fit-22 ta’ Frar 2015 kienet saret talba lill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq f’dan is-sens.

5.13.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg aċċenna għall-fatt li permezz ta’ ittra datata 29 ta’ Marzu 2018, il-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq diġa rrifjuta proposta li saret mill-Kunsill sabiex parti minn Triq Qasam Barrani tissemma għal Edward Camilleri. Huwa kkummenta wkoll li l-Kumitat kien ssuġġerixxa li l-*ground* f’Ta’ Pennellu jissemma’ għalih, minflok li jkun hemm bdil fl-isem ta’ Triq Qasam Barrani. Huwa ġibed l-attenzjoni li dakinhar, it-talba kienet saret mill-Mellieħa Sports Club, filwaqt li r-raġuni għaliex it-talba kienet ġiet rifjutata mill-Kumitat kienet ġiet komunikata lilhom.

5.13.4. Il-Kunsillier I. Castillo qal li huwa ma jara xejn ħażin li t-talba tiġi mtennija, għar-raġuni li talba għandha l-kredenzjali kollha li timmerita rikonsiderazzjoni, minħabba r-rabta ta’ Edward Camilleri ma’ Triq Qasam Barrani, kemm bħala kap tal-Iskola Primarja, kif ukoll bħala president tal-Mellieħa Sports għal diversi snin. Huwa aċċenna wkoll li bidla fl-isem tat-triq ma tinvolvix bdil fl-indirizzi ta’ residenti.

5.13.5. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono ġibed l-attenzjoni li jeżistu residenzi fil-parti bejn Triq il-Mitħna l-Ġdida u Triq it-Tramuntana.

5.13.6. Il-Kunsillier G. Micallef kkonferma li l-Onor. R. Cutajar huwa konxju tal-fatt li t-talba oriġinali kienet rifjutata, iżda qed jitlob li d-deċiżjoni tal-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq jistħoqilha tiġi kkunsidrata mill-ġdid.

5.13.7. Il-Kunsill qabel li għandha tiġi mtennija t-talba li saret fit-22 ta' Frar 2018.

## 5.14.1. PA 4987/21 – *Caravan Site* temporanja fil-Qortin il-Twil (P/5/8/Q)

5.14.2. Saret referenza għal applikazzjoni sottomessa minn Infrastructure Malta sabiex issir *caravan site* temporanja biswit Triq Ramlet il-Qortin.

5.14.3. Il-Kunsillier I. Castillo qal li l-applikazzjoni hija nieqsa mid-dettalji u għaldaqstant il-Kunsill għandu jirrinunzja milli jikkummenta dwarha, jew li jieħdu pożizzjoni dwarha f'dan l-istadju. Huwa aċċenna wkoll li l-Kunsill diġa qabel li ma jiżdiedux faċiltajiet ta' din ix-xorta għaliex il-lokalità diġa hija mgħobbija bihom.

5.14.4. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li l-parti ta' barra hija diġa użata bħala *caravan site* mhux uffiċjali, filwaqt li hija ndikata fil-*bye-laws* tal-Kunsill li fiha jistgħu jingħataw permessi għall-ikkampjar. L-applikazzjoni li saret minn Infrastructure Malta qed tindika biċċa art 'il ġewwa minnha.

5.14.5. Is-Sindku D. Vella kkonferma li l-Kunsill iddeċieda li ma jiżdiedux faċilitajiet tad-din ix-xorta, iżda fejn dawn diġa jeżistu, irrispettivament jekk għandhomx permess jew le, għandhom ikunu mmaniġġjati kif suppost.

5.14.6. Il-Kunsillier G. Micallef qal li l-mistoqsija għandha tkun għaliex Infrastructure Malta qed tindika l-art ta' ġewwa, u eliminat l-biċċa ta' barra, li attwalment qed tintuża bħala *caravan/camping site*. Huwa qal li għandha ssir oġġezzjoni f'dan is-sens.

5.14.7. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li huwa ma jaqbilx li għandha ssir oġġezzjoni fil-prinċipju, iżda għandha tinġibed l-attenzjoni sabiex it-talba tiġi modifikata b'tali mod li tispiċċa l-*area* indikata fuq il-pjanti 9f u 54a, u minflok t-talba tkun limitata għall-area ta' barra li attwalment qed tintuża bħala *caravan/camping area*.

5.14.8. Il-Kunsill qabel li għandha ssir rappreżentazzjoni abbażi tal-punti mqajma aktar 'il fuq.

## 5.15.1. *Bins-on-wheels* fi Triq l-Arżnell u Triq il-Padrun (K/6/2/Vol V)

5.15.2. Is-Sindku D. Vella qal li qed jiġi nnutat illi l-*bins-on-wheels* li tpoġġew qrib id-daħliet għal Tas-Sellum Residence, intiżi sabiex jintużaw mir-residenti tal-istess kumpless, qed jiġu abbużati tant li kontinwament qed ikun hemm kwantità ta' skart madwarhom. Huwa kkummenta din is-sitwazzjoni mhijiex aċċettabbli u jeħtieġ tittieħed azzjoni.

5.15.3. Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni li l-istess faċilità kienet ingħatat qrib daħla oħra li għandu l-kumpless minn Triq il-Padrun.

5.15.4. Is-Sur D. Vella ppropona li l-*bin-on-wheels* in kwistjoni jitneħħew mit-triq u jitpoġġew f'post fil-kumpless, li jkun jista' jintlaħaq faċilment mill-kuntrattur tal-Kunsill. Fin-nuqqas ta' dan, l-istess *bins* għandhom jitneħħew mit-triq, billi l-inħawi huma diġa koperti b'servizz ta' ġbir bieb-bieb fil-ġranet u l-ħinijiet stabbiliti bil-liġi, kif ukoll bis-servizz tal-ġbir tal-iskart ġoff.

5.15.5. Il-Kunsill approva l-proposta skont il-minuta 5.15.4. u qabel li għandhom issir rappreżentazzjoni f'dan ir-rigward lill-amministratur tal-kumpless.

## 5.16.1. Ftuħ ta' uffiċċju tal-AgriConnect (T/3/2/Vol XVI)

5.16.2. Is-Sindku D. Vella għarraf li fl-24 ta' Ġunju 2021, ġie inawgurat l-ewwel uffiċċju minn sensiela ta' uffiċini oħra li se jinfetħu s-sena d-dieħla f'lokalitajiet diversi biex tkompli

tiffaċilita l-aċċessibbiltà tal-AgriConnect għall-komunità lill-bdiewa bbażati f'Għawdex u fit-Tramuntana ta' Malta. L-inawgurazzjoni saret mill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali l-Onor.Anton Refalo fl-uffiċċju li jinsab fi Triq tas-Salib. Il-Ministru spjega li dan is-servizz se jkun ta' għajnuna għall-bdiewa u r-raħħala li jesperjenzaw diffikultajiet biex ikunu konformi mar-rekwiżiti marbuta mal-Politika Agrikola Komuni magħrufa bħala l-CAP. Flimkien mas-Sindku attendew il-Kunsillieri K. Buttigieg u I Castillo.

5.16.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.17.1. Proġett *Slow Streets* (T/3/6)

5.17.2. Is-Sindku D. Vella għarraf li l-proposti b'rabta mal-proġett imsemmi kienu magħluqa minn naħa tal-konsulenti – StudjUrban. Għaldaqstant jeħtieġ li ssir preżentazzjoni lill-Kunsill, li qed jintalab ħlas apparti għaliha.

5.17.3. Fuq proposta tal-Viċi Sindku J. Buttigieg, kien hemm qbil li r-rapport illi sar għandu jiġi mgħoddi lill-membri kollha tal-Kunsill qabel il-preżentazzjoni.

## 5.18.1. Apparat tal-*Automated External Defibrillator* (S/6/Vol VII)

5.18.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg għarraf li permezz ta' skema mnedija mir-Reġjun Tramuntana, il-Kunsill ser jibbenefika minn għotja tal-apparat imsemmi sabiex ikun jista' jintuża f'każ ta' persuna li ssofri attakk tal-qalb. Dan ser ikun disponibbli fis-sagristija tal-Knisja Parrokkjali tal-Mellieħa, għar-raġuni li fil-knisja, jew fil-viċinanzi tagħha, jinġemgħu l-akbar għadd ta' nies, minħabba l-avvenimenti li jiġu organizzati matul is-sena.

5.18.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel mal-post indikat.

## 5.19.1. Pubblikazzjoni – *Colours of the North* (P/3/2/Vol V)

5.19.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg għarraf illi fit-3 ta' Settembru 2021, ir-Reġjun Tramuntana ser iniedi l-ktieb imsemmi li jittratta dwar il-karetteristiċi varji tal-lokalitajiet li jsawwruħ. Ir-riċerka u l-kitba tiegħu saret minn Natalino Fenech. Huwa qal ukoll li l-membri kollha tal-Kunsill ser ikunu mistiedna, iżda d-dettalji ser jingħataw aktar 'il quddiem.

5.19.3. Il-Kunsill innota l-appuntament.

## 5.20.1. Impjieg ta' uffiċjali mar-Reġjuni biex jassistu lill-Kunsilli Lokali (R/5)

5.20.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg għarraf li d-Diviżjoni tal-Gvern Lokali għamlet sejħa għall-impjieg ta' uffiċjali sabiex jassistu lill-Kunsilli Lokali fil-ħidma tagħhom f'sitt oqsma differenti, li jinvolvu:

- Attivitajiet Kulturali;
- Immaniġġjar ta' proġetti kapitali;
- Immaniġġjar tal-iskart;
- Proġetti ffinanzjati minn fondi Ewropej;
- L-informatika; u
- L-ambjent.

5.20.3. Is-Sur J. Buttigieg kompla jgħid li fir-rigward tar-Reġjun Tramuntana kien hemm rispons għas-sejħa li tinvolvi l-kultura u l-immaniġġjar ta' proġetti kapitali. Dawn ser ikunu fi grad ta' Segretarju Eżekuttiv – Skala 7. Attwalment għaddejja l-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet li kien hemm. Sejħa oħra ser terġa' issir f'Awwissu 2021 fir-rigward tal-karigi li ma kienx hemm risponse għalihom.

5.20.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.21.1. Ġbir tal-iskart fejn jeżistu *bin-on-wheels* (K/6/2/Vol V)

5.21.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irreferit għall-minuta 2.3.3. tas-seduta ta' qabel u għarrfet li hija għamlet kuntatt mal-Wasteserv sabiex tivverifika jekk kienx hemm multi mposti fuq il-kuntrattur responsabbli mill-ġbir tal-iskart domestiku, apparti r-rata normali pagabbbli fuq l-iskart imħallat. Hija qalet li dan ma jirriżultax. Kompliet tgħid illi multi jiġu mposti f'każ li jkun hemm items bħalma huma *tyres*, *white goods*, eċċ.

5.21.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.22.1. Tindif volontarju mill-membri tal-Kunsill (T/6/1/Vol IV)

5.22.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irreferiet għall-minuta 5.13.2. tas-seduta preċedenti u għarrfet li sar tindif volontarju f'Dawret it-Tunnara u fix-Xagħra tat-Tunnara nhar is-Sibt 10 ta' Lulju 2021. Flimkien magħha attendew is-Sindku D. Vella, il-Viċi Sindku J. Buttigieg, l-Kunsillieri I. Castillo, A. Brincat Stellini, u G. Micallef.

5.22.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.23.1. Servizz dwar tindif ta' toroq urbani (T/4/5/Vol IV)

5.23.2. Kunsilliera R. Bartolo Cutajar irreferiet għall-minuta 5.12.1. tas-seduta preċedenti u qalet li hija kellha kuntatti mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar in-numru ta' kenniesa li għandu jkollha lokalità bħalma hija l-Mellieħa u ġie ndikat lilha li dan ikun ta' ħamsa u mhux tnejn.

5.23.3. Il-Kunsillier I. Castillo qal li l-esiġenzi tal-lokalità żdiedu u għalhekk huwa evidenti li aktar riżorsi huma meħtieġa.

5.23.4. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg, qal li iktar milli wieħed jitkellem dwar in-numru ta' kenniesa, jara kemm-il kuntrattur qed jonora l-iskedi tal-knis u l-frekwenzi stabbiliti fil-kuntratt relattiv. Għaldaqstant, huwa vitali li jkun hemm monitoraġġ kontinwu fuq is-servizz li qed jingħata. Huwa ppropona sabiex il-kuntrattur jintalab jgħid kemm għandu ħaddiema u kif inhuma allokati fuq il-kuntratti kollha li huwa għandu.

5.23.5. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono, aċċenna li l-kuntratt huwa dettajat ħafna, tant li jidħol triq, triq bil-ġurnata li trid tinkines flimkien mal-frekwenza relattiva. B'dan il-mod, kull offerent ikun jaf eżattament għaxiex dieħel, u għandu jirregola huwa stess in-numru ta' kenniesa meħtieġa. Tul it-terminu tal-kuntratt attwali ma żdiedux toroq ġodda. Kompla jgħid li kemm-il darba, il-Kunsill iħoss li ċerti postijiet għandhom jingħataw prijorità fuq oħrajn, kull ma jrid isir huwa reviżjoni tal-iskeda eżistenti sabiex taqdi l-esiġenzi attwali tal-lokalità.

5.23.6. Wara aktar diskussjoni, kien hemm qbil li dan is-suġġett għandu jiġi diskuss fid-dettal, flimkien mal-*Contracts Manager*, bil-għan li jiġi stabbilit jekk hemmx lok ta' reviżjoni fir-rotot, bil-frekwenzi skont kif stabbiliti fil-kuntratt.

5.23.7. Il-Kunsill qabel ukoll li n-numru ta' kenniesa taħt kuntratt ġdid għandu jiġi stabbilit mill-kuntrattur abbażi tal-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fid-dokument tal-offerta.

### 5.24.1. Manutenzjoni meħtieġa fuq taraġ fix-Xatt ta' Santa Marija (Sezzjoni D) (T/4/4/Vol II)

5.24.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ressqet ritratti li juru ġebel fuq naħa waħda tal-ħajt li ddeterjora, tant li huwa perikoluż. L-istess taraġ iservi ta' aċċess mix-Xatt ta' Santa Marija għall-*boathouses* li hemm taħt ir-riħ tagħha.

5.24.3. Il-Kunsill qabel li jsiru t-tiswijiet meħtieġa.

**5.25.1. Periklu għat-tfal fi Triq Salvu Camilleri** **(T/3/2/Vol XVI)**

5.25.2. Il-Kunsillier I. Castillo ġibdet l-attenzjoni li minħabba li hemm il-kwartieri tal-iScouts fit-triq imsemmija, il-parti bejn Triq tas-Salib u Triq San Mikiel hija ffrekwentata mit-tfal. Huwa ssuġġerixxa li jsiru tabelli li jindikaw il-preżenza tat-tfal. Indika wkoll il-ħtieġa li ssir tabella sabiex ma jitħalliex skart qrib l-entratura tal-Fortizza tas-Salib.

5.25.3. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar aċċennat li fl-istess post mhux l-ewwel darba li ntlaqtu minn vetturi, peress li fil-qrib hemm kolonja tal-qtates.

5.25.4. Il-Kunsill approva l-proposta.

**5.26.1. Sigurtà fil-ġonna u l-*playing fields*** **(C/9)**

5.26.2. Fid-dawl tal-vandaliżmu li spiss jiġi rrappurtat fil-postijiet imsemmija, il-Kunsillier I. Castillo, ippropona li l-Kunsill għandu jimmira illi sa tmiem l-2022 kull ġnien u *playingfield* fil-lokalità jkollu nstallat sistema ta' CCTV.

5.26.3. Is-Sindku D. Vella aċċenna li gradwalment il-Kunsill diġa miexi f'din id-direzzjoni bl-introduzzjoni ta' sistema simili fi Ġnien tas-Salib, Ġnien iż-Żerniq fil-Manikata. Huwa aċċenna wkoll li ser issir sejħa għall-offerti li tinkludi wkoll Ġnien Dun Anton Debono u l-Park tal-Familja.

**5.27.1. *U-barrier* fi Triq iċ-Ċikken k/m Triq l-Assedju l-Kbir** **(T/3/2/Vol XVI)**

5.27.2. Il-Kunsillier I. Castillo qal li huwa ġie avviċinat minn resident fil-post indikat li talab sabiex issir *barrier* bil-għan li ma jibqgħux jitilgħu vetturi fuq il-bankina u jagħmlu ħsara fil-ħajt tal-*front garden*.

5.27.3. Il-Kunsill approva t-talba.

**5.28.1. Arranġamenti tat-traffiku fil-Bajja tal-Mixquqa** **(T/3/2/Vol XV)**

5.28.2. Il-Kunsillier G. Micallef ippropona li jsiru *rumble strips* fil-bidu tan-niżla li tagħti għall-bajja, qrib il-kantuniera ma' Triq in-Naħħalija.

5.28.3. Kien hemm qbil li l-proposta skont il-minuta 5.28.2. għandha titressaq quddiem Transport Malta.

5.28.4. Is-Sur Micallef issuġġerixxa wkoll li jkun hemm ukoll postijiet għall-ipparkjar tal-muturi fil-parkeġġ t'isfel.

5.28.5. Dwar il-proposta skont il-minuta 5.28.4. kien hemm qbil li postijiet għall-muturi jistgħu jsiru kemm-il darba jinstab spazju għalihom.

**5.29.1. Ipparkjar quddiem garaxx f'Dawret it-Tunnara** **(T/3/2/1/Vol V)**

5.29.2. Il-Kunsillier G. Micallef ġibed l-attenzjoni li utent ta' garaxx partikulari qed isibha diffiċli li jidħol u joħroġ mill-garaxx fil-parti fejn attwalment għaddejjin xogħlijiet bejn Triq is-Sajjieda u Triq it-Trill.

5.29.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono issuġġerixxa li ssir talba formali lill-Kunsill bil-għan li t-talba tiġi pproċessata flimkien ma' Transport Malta u f'każ li tiġi approvata jsiru s-sinjali mal-art wara li jitlesta l-asfatar tat-triq.

**5.30.1. Xibka madwar il-*Multi-Purpose Court* fil-Park tal-Familja** **(S/4/1/5)**

5.28.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg ġibed l-attenzjoni li persuni mhux awtorizzati jistgħu faċilment jidħlu fil-*multi-purpose court* minħabba li x-xibka hija mtaqba.

5.28.3. Ittieħdet nota sabiex isiru t-tiswijiet meħtieġa.

### 5.31.1. Tinda quddiem l-istabbiliment *"Villagers"* – Triq Ġorġ Borg Olivier

5.31.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini osservat li ntramaw umbrellel bid-drapp madwarhom li fil-fatt taw dehra ta' tinda u b'hekk inħoloq impatt viżwali. Ritratti tal-post ġew murija lill-membri tal-Kunsill. Hija fakkrek li l-Kunsill kien oġġezzjoni għal dan meta saret l-applikazzjoni PA 4623/17.

5.31.3. Il-Kunsillier I. Castillo kkummenta li d-drapp sar sabiex jilqa' it-trabijiet ġġenerati minn sit ta' kostruzzjoni li hemm fil-qrib u fil-fatt sar fuq naħa waħda. Kompla jgħid li probabbilment mhux fl-interess tal-operatur li l-klijenti ma jidhrux mit-triq. Għaldaqstant, il-kontroll għandu jsir fuq is-sit tal-kostruzzjoni, sabiex l-operatur tal-*Villagers* jżomm mal-kundizzjonijiet tal-permess.

5.31.4. Il-Kunsill qabel li għandha tinġibed l-attenzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar.

### 5.32.1. Attivajiet għall-anzjani li jattendu ċ-ċentru ta' matul il-jum (A/1/1/Vol II)

5.32.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 5.34.1. tas-Seduta Nru. 26 tal-20 ta' Mejju 2021 dwar koperazzjoni bejn il-Kunsill u d-direzzjoni taċ-Ċentru għall-Anzjanità dwar it-tmexxija tal-istess faċilità. Hija qalet li t-tieni laqgħa saret fit-12 ta' Lulju 2021.

5.32.3. Is-Sinjura A. Brincat Stellini kompliet li minħabba r-restrizzjoni marbuta mal-pandemija, in-numru ta' anzjani li jistgħu jattendu fiċ-ċentru ta' matul il-jum huwa limitat għal tmienja. Kompliet tgħid li mid-diskussjoni li kien hemm, irriżulta li l-Kunsill jista' jagħti sehemu billi jipprovdi għalliema ta' *crafts*, eċċ, billi hemm domanda għalihom. Ġie osservat ukoll hemm hemm anzjani li jħobbu l-qari, u għaldaqstant ipproponiet li jingħata sett ta' pubblikazzjonijiet li saru mill-Kunsill. Aċċennat li attwalment il-Kunsill qed jagħmel tajjeb għal-lezzjonijiet tal-pilates li jsiru darbtejn fil-ġimgħa.

5.32.4. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

### 5.33.1. Problemi ta' aċċess fi Triq l-Għar u Casa / Barkazza (T/4/7/Vol III)

5.33.2. Is-Sindku D. Vella rrefera għad-diskussjoni li kien hemm fuq dan is-suġġett fis-Seduta Nru. 26 tas-26 ta' Mejju 2021, meta kien hemm qbil li għandha ssir spezzjoni mill-perit tal-Kunsill. Kompla jgħid li saret spezzjoni fuq il-post li għaliha attendew xi residenti u tħejjiet stima li tammonta għal €40,136 biex tiġi livella t-triq u tingħata wiċċ tal-konkos.

5.33.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal illi l-liġi tobbliga lill-iżviluppaturi li jiffurmaw it-triq u għalhekk, il-Kunsill ikun qed joħloq precedent jekk jagħmel dan ix-xogħol. Huwa għalhekk li Infrastructure Malta qed tibqa' lura milli tintervjeni f'dan l-istadju.

5.33.4. Is-Sur D. Vella kkummenta li l-liġi, mill-banda l-oħra ma twaqqafx lill-Kunsill milli jintervjeni biex itejjeb l-aċċess għar-residenti, fid-dawl tal-fatt li hemm sidien tal-art illi m'għandhom ebda interess li jiżviluppaw l-proprjetà tagħhom.

5.33.5. Il-Kunsillier I. Castillo qal li huwa jaqbel ma' l-interpretazzjoni kif intqal fil-minuta 5.33.3., iżda fakkar li din hija l-unika triq fil-lokalità li għad trid tiġi ffurmata u għalhekk mhux ser ikun hemm ħtieġa ta' interventi simili f'toroq oħra.

5.33.6. Dwar il-punti mqajma fil-minuti 5.33.4. u 5.33.5. il-Viċi Sindku qal li bl-istess argument il-Kunsill kellu jidħol għall-formazzjoni ta' Triq it-Tabib Joseph Grech Attard u toroq oħra li saru matul iż-żmien. Is-Sur J. Buttigieg fakkar li mhijiex prattika tajba li l-Kunsill jikkommetti ammont sinifikanti ta' fondi pubbliċi fejn m'għandux l-obbligu legali li jagħmel hekk, partikularment fid-dawl tal-fatt li l-istess obbligu jinvolvi lill-privat.

5.33.7. Il-Kunsillier K. Buttigieg aċċenna li apparti dak li tgħid il-liġi, hemm klawsola fil-kuntratti li saru mas-sidien attwali, li ttenni l-istess obbligu legali dwar il-formazzjoni tat-triq, u għalhekk dawn kienu konxji minn qabel dwar dan il-fattur.

5.33.8. Il-Kunsill qabel li għandu jkompli jiddiskuti din is-suġġett fis-seduta li jmiss wara li kull membru jkollu kopja tal-*bill of quantities* tal-perit.

## 5.34.1. Laqgħa mal-Ministru tat-Turiżmu u Protezzjoni lill-Konsumatur (M/4/2/Vol II)

5.34.1. Is-Sindku D. Vella aċċenna li fit-18 ta' Ġunju 2021 saret laqgħa mal-Onor. Clayton Bartolo, fejn ingħatat ħarsa lejn il-proġetti li l-Ministeru għadu ppjanati għal-lokalità, apparti l-proġett ta' Misraħ il-Parroċċa, li ser jiġi mplimentat minn Infrastructure Malta. Saret referenza għat-titjib estensiv tal-promenade tal-Għadira.

Għal-laqgħa kien hemm preżenti wkoll il-Viċi Sindku J. Buttigieg, il-Kunsillieri I. Castillo, A. Brincat Stellini, K. Buttigieg, R. Bartolo Cutajar (virtwalment), u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono.

5.34.2. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.35.1. *Bin-on-wheel* fi Triq ir-Ramla tal-Bir (K/6/2/Vol V)

5.35.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar staqiet dwar ir-raġuni għaliex tneħħiet l-bin-on-wheel li kien hemm qabel iddur lejn il-lukanda Ramla Bay.

5.35.3. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li din il-faċilità ma tneħħietx, iżda ġiet trasferita għat-trejqa li hemm biswit iċ-Ċentru tad-Distribuzzjoni ta' l-Elettriku, fejn mhijiex daqshekk fil-għajn.

5.35.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 6.1. Immaniġġjar tat-traffiku waqt xogħlijiet tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fi Triq il-Pwales u fit-Telgħa tax-Xemxija (W/2/Vol II)

6.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ser tkun qed tagħmel xogħlijiet estensivi fix-Xemxija li ser jieħu diversi xhur. L-ewwel fażi tax-xogħlijiet se tikkonsistu fi skavar u tqegħid ta' pajpijiet fuq medda ta' 50m, fil-parti bejn Triq it-Trunċiera u Triq il-Pwales. Qed jiġi propost li t-traffiku jkun ikkontrollat bi *traffic lights* temporanji f'kull tarf. Huwa ppjanat ukoll li vetturi ġejjin minn Triq il-Pwales u Triq it-Trunciera jitilgħu jduru madwar ir-*roundabout* ta' ħdejn il-knisja sabiex imbagħad imorru lura lejn San Pawl il-Baħar. Dan isir sabiex ma jsirx qsim tat-traffiku fit-Telgħa tax-Xemxija. Is-servizz tal-karozzi tal-linja u vetturi kbar mhux ser jiġu affettwati.

6.3. Ġie spjegat ukoll li t-tieni fażi ser tinvolvi xogħlijiet fit-Telgħa tax-Xemxija, fil-parti bejn Triq it-Trunċiera u r-*roundabout* fejn il-Knisja. Qed jiġi propost li traffiku fid-direzzjoni tal-Mellieħa jitla' minn Triq it-Trunciera u Triq ir-Raddet ir-Roti, u joħroġ fejn ir-*roundabout* tal-Knisja. Vetturi kbar ikollhom jgħaddu minn Triq Għajn Tuffieħa u Triq il-Mellieħa. Fir-rigward tat-Trasport Pubbliku, ikun meħtieġ servizz ta' *shuttle* fi Triq it-Trunciera, u Triq ir-Roti sabiex jgħaqqad ma' Triq it-Trunċiera, Triq Raddet ir-Roti, it-Telgħa tax-Xemxija, u r-*roundabout* ta' Triq Għajn Tuffieħa.

6.4. Il-karreġġjata mill-Mellieħa għal San Pawl il-Baħar se tibqa' miftuħa tul iż-żewġ fażijiet.

6.5. Il-Kunsill kien tal-fehma li t-tul ta' żmien u l-volum tat-traffiku ddevjat lejn il-Manikata ser jikkawża nkonvenjenzi enormi għar-residenti tal-istess raħal. Ġiet diskussa l-possibiltà li tinfetaħ it-triq li kienet ippjanata xi snin ilu biex taqta' barra l-Manikata. Ittieħed in konsiderazzjoni li din it-triq kienet kontroversjali peress li tista' taffettwa l-ilma tal-pjan, u l-ambjent ta' irħajjel bħala hija l-Manikata.

6.6. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandha ssir laqgħa bejn il-Kunsill u uffiċjali għolja fi ħdan il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

**7.1. Għoti ta' kuntratt li jwassal għall-ħolqien ta' *mobile app* intiża biex tippromwovi u tispjega s-sinifikat ta' postijiet ta' interess fil-lokalità (P/10/38)**

7.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li l-Kumitat ta' Evalwazzjoni ltaqgħa darbtejn biex evalwa l-erba' kwotazzjonijiet li saru wara li kien hemm rapport tekniku, filwaqt li ntalbu kjarifiki mingħand l-offerent li ssottometta l-inqas offerta li kienet konformi mal-ispeċifikazzjoni ndikati fid-dokument tas-sejħa.

7.3. Il-Kunsill qabel li għandha tinħareġ ittra ta' aċċettazzjoni lill-offerent Webee Ltd.

**8.1. Sejħa għall-Offerti MLC 3/2021 – Bini mill-ġdid ta' pedestal u niċċa tal-Madonna fil-Marfa (P/10/37)**

8.2. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf li l-Awtorità tal-Artijiet tat il-kunses tagħha biex isir intervent fuq in-niċċa in kwistjoni, liema kunsens kien meħtieġ biex inħareġ il-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar – PA 5354/20 – li jinkludi *works method statement*.

8.3. Il-Kunsill qabel li għandha ssir sejħa għall-offerti sabiex jitwettaq ix-xogħol meħtieġ.

**9.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti**

9.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 9 ta' Lulju 2021.

9.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal, skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

9.4. Tressqet skeda ta' pagamenti li tkopri bejn it-13 ta' Ġunju u d-9 ta' Lulju 2021.

9.5. Il-Kunsill approva l-akkwist u l-pagamenti kollha fiż-żewġ skedi msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes-List.aspx

**AĠĠORNAMENT**

Bi ftehim bejn il-membri eletti preżenti, is-seduta spiċċat fil-10.45 pm u l-Kunsill aġġorna għal nhar it-Tlieta 17 ta' Awwissu 2021 fis-6.00 pm.

Dario Vella
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**